SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

27 ta' Novembru 2008 *

Fil-Kawża C-396/07,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Korkein oikeus (il-Finlandja), permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Awwissu 2007, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Awwissu 2007, fil-kawża

Mirja Juuri

vs

Fazer Amica Oy,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, T. von Danwitz, E. Juhász, G. Arestis u J. Malenovský (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: D. Ruiz-Jarabo Colomer,
Reġistratur: R. Grass,

* Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż.

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Finlandiż, minn J. Himmanen, bħala aġent,

— għall-Gvern Ungeriż, minn J. Fazekas, R. Somssich u K. Borvölgyi, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn M. Huttunen u J. Enegren, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU L 82, p. 16).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest tal-kawża bejn M. Juuri u ma' min kienet taħdem qabel, Fazer Amica Oy (iktar 'il quddiem "Amica"), fir-rigward tar-rifjut ta' din tal-aħħar li tagħti lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kumpensi differenti insegwitu għat-tmiem tal-kuntratt tax-xogħol tagħha, minħabba fit-trasferiment ta' impriża.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 Id-Direttiva 2001/23 tikkodifika d-Direttiva tal-Kunsill 77/187/KEE, tal-14 ta' Frar 1977, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 61, p. 26), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 98/50/KE, tad-29 ta' Ġunju 1998 (ĠU L 201, p. 88).

4 Skont l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/23:

"Wara t-trasferiment, min lilu jsir it-trasferiment [iċ-ċessjonarja] għandu jkompli josserva t-termini u l-kundizzjonijiet miftiehma f'kull ftehim kollettiv skond l-istess kondizzjonijiet applikabbli għal min jagħmel it-trasferiment [iċ-ċedenti] taħt dak il-ftehim, sad-data li fiha l-ftehim kollettiv jispiċċa jew jiskadi jew sad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni ta' ftehim kollettiv ieħor.

[…]"

5 L-Artikolu 4(2) tal-istess direttiva jiddisponi:

"Jekk il-kuntratt ta' l-impjieg jew ir-relazzjoni tax-xogħol jintemmu minħabba li t-trasferiment jinvolvi bidla sostanzjali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol għad-detriment ta' l-impjegat, min jimpjega għandu jitqies bħala responsabbli għat-tmiem tal-kuntratt ta' l-impjieg jew ir-relazzjoni ta' l-impjieg."

6 L-ifformular ta' din l-aħħar dispożizzjoni huwa identiku għal dak tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 77/187, kif emendata bid-Direttiva 98/50.

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

7 Skont l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 7 tal-liġi 55/2001 dwar il-kuntratti tax-xogħol [Työsopimuslaki (55/2001)], tas-26 ta' Jannar 2001 (iktar 'il quddiem: il-"liġi dwar il-kuntratti tax-xogħol"), li jittrasponi fil-liġi Finlandiża l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/23:

"Jekk jintemm kuntratt ta' xogħol għaliex il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiem marru sostanzjalment għall-agħar minħabba t-trasferiment tal-impriża, il-persuna li tħaddem titqies responsabbli għat-tmiem tar-relazzjoni tax-xogħol."

8 L-Artikolu 2 tal-Kapitolu 12 tal-istess liġi jipprovdi għad-dritt tal-ħaddiem li jikseb kumpens mingħand il-persuna li tħaddmu għal tmiem mhux iġġustifikat tal-kuntratt tax-xogħol. Skont din id-dispożizzjoni, billi min iħaddem temm il-kuntratt tax-xogħol bi ksur tal-motivi previsti minn din il-liġi, huwa għandu jkun obbligat iħallas kumpens.

Barra minn dan, huwa possibbli li min iħaddem ikun obbligat iħallas kumpens meta l-ħaddiem huwa kkunsidrat bħala li għandu dritt li jtemm huwa stess il-kuntratt tax-xogħol.

9 Il-ħaddiem madankollu m'għandhux id-dritt għall-kumpens ipprovdut mill-Artikolu 2 fil-każ fejn il-persuna li tħaddem ittemm il-kuntratt tax-xogħol għal motivi sostanzjali u rilevanti. Madankollu, anki f'każ bħal dan, il-ħaddiem jirċievi l-paga tiegħu u benefiċċji oħra waqt il-perijodu ta' notifika.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10 M. Juuri ħadmet mill-5 ta' April 1994 mar-Rautaruukki Oyj (iktar 'il quddiem "Rautaruukki") bħala impiegata fil-kantin tal-persunal ta' Hämeenlinna. Fil-konfront tar-relazzjoni ta' xogħol tagħha ġie applikat il-ftehim kollettiv tas-settur metallurġiku.

11 Fil-31 ta' Jannar 2003, l-aħħar jum li fih kien validu dan il-ftehim kollettiv, sar trasferiment ta' impriża bejn Rautaruukki u Amica f'dak li jirrigwarda l-kantin ta' Hämeenlinna. Amica infurmat lil M. Juuri li, mill-1 ta' Frar 2003, fil-konfront tar-relazzjoni ta' xogħol tagħha kien ser jiġi applikat il-ftehim kollettiv tas-settur tal-lukandi u tar-ristoranti, li kien jorbot lil Amica. Madankollu M. Juuri stenniet li, f'dak li jirrigwarda lilha, tinzamm l-applikazzjoni tal-ftehim kollettiv tas-settur metallurġiku. Wara li din it-talba ġiet irrifjutata, M. Juuri temmet il-kuntratt tax-xogħol tagħha, b'effett immedjat, fid-19 ta' Frar 2003.

12 Hija ressqet rikors quddiem il-Helsingin käräjäoikeus (il-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Ħelsinki), fejn talbet għal kumpens ta' notifika mingħand Amica li tammonta għal erba' xhur ta' paga, talbet kumpens għall-vaganzi għall-perijodu ta' notifika kif ukoll kumpens ta' erbatax-il xahar ta' paga għal terminazzjoni illegali ta' kuntratt tax-xogħol.

13 Għal dan il-għan, hija b'mod partikolari bbażat fuq l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 12 tal-liġi dwar il-kuntratti tax-xogħol u sostniet li l-applikazzjoni tal-ftehim kollettiv tas-settur tal-lukandi u tar-ristoranti kellu bħala effett li jnaqqas il-ħlas tagħha bi EUR 300 fix-xahar. Barra minn dan, hija kellha l-obbligu li tiġi trasferita f'postijiet ta' xogħol oħrajn ta' Amica. Għalhekk, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha marru essenzjalment għall-agħar in segwitu tat-trasferiment tal-impriża. Minn dan jirriżulta li Amica kienet responsabbli tat-tmiem tal-kuntratt tax-xogħol, skont l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 7 tal-liġi dwar il-kuntratti tax-xogħol.

14 Amica kkontestat it-talbiet ta' M. Juuri. Hija tqis, minn naħa, li t-tmiem tal-kuntratt tax-xogħol ma' M. Juuri mhuwiex responsabbiltà tagħha u, min-naħa l-oħra, li hija ma aġixxietx, intenzjonalment jew b'negliġenza, bi ksur tal-kuntratt tax-xogħol jew tal-liġi dwar il-kuntratti tax-xogħol. Għalhekk hija mhijiex responsabbli tad-dannu kkawżat mit-tmiem ta' dan il-kuntratt.

15 Il-Helsingin käräjäoikeus ċaħad ir-rikors ta' M. Juuri fil-11 ta' Frar 2005. Skont din, l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 7 tal-liġi dwar il-kuntratti tax-xogħol mhuwiex interpretat fissens li jimla vojt fil-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-kumpens għal danni previsti minn din il-liġi billi joħloq, motiv ġdid għal kumpens, favur il-ħaddiem. Għalhekk, M. Juuri ma kellhiex dritt għal kumpens li qed titlob fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni. Barra minn dan, Amica ma kisret l-ebda obbligu tagħha.

16 In sostenn tal-appell tagħha, hija qieset li d-Direttiva 2001/23 għandha bħala għan li tistabbilixxi responsabbiltà ta' min iħaddem fir-rigward tal-ħaddiem meta tiġi fit-tmiem relazzjoni ta' xogħol minħabba f'bidliet sostanzjali li seħħu, anki fil-każ fejn, kif ġara fil-kawża prinċipli, min iħaddem ikun fil-fatt irrispetta, fis-sens tal-Artikolu 3(3) ta' din id-direttiva, il-ftehim kollettiv, li jorbot liċ-ċedenti u jiggarantixxi lill-ħaddiem kundizzjonijiet tax-xogħolijiet aħjar, u dan sad-data tal-iskadenza tal-validità ta' dan il-ftehim.

17 Il-Korkein oikeus ikkonstatat li din l-interpretazzjoni tfisser li min iħaddem jista' jkun responsabbli għal kumpens għal danni kkawżati lil ħaddiem li temm il-kuntratt tax-xogħol tiegħu anki meta min iħaddem ikun ġab dejjem ruħu b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli kif ukoll ma kull ftehim kollettiv li jorbtu.

18 Jekk din l-interpretazzjoni hija milqugħa, skont din il-qorti, m'hemmx lok li jkun magħruf jekk il-kumpens tal-ħaddiem għandhiex tiġi imposta fuq il-bażi tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 12 tal-liġi dwar il-kuntratti tax-xogħol, jiġifieri dak li jinvolvi l-ħlas ta' somma li tikkorispondi l-iktar għal erbgħa u għoxrin xahar tal-paga, jew jekk dan il-kumpens għandhux l-iktar jikkorrispondi għal dak dovut minn min iħaddem li għandu motiv sostanzjali u rilevanti biex itemm il-kuntratt tax-xogħol, is-somom imħallsa li jikkorrispondu għall-kumpens marbut mal-perijodu tan-notifika ta' erba' xhur kif ukoll għall-kumpens għall-vaganzi li jirrigwardawh.

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Korkein oikeus ressqet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva [2001/23] għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ fejn ħaddiem stess ikun temm il-kuntratt tax-xogħol tiegħu wara li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu marru sostanzjalment għall-agħar minħabba t-trasferiment ta' impriża, Stat Membru għandu, fis-sistema legali tiegħu, jiggarantixxi lill-ħaddiem id-dritt li jikseb mingħand il-persuna li tħaddmu kumpens għal danni bħal fil-każ meta l-persuna li tħaddem tkun temmet illegalment il-kuntratt tax-xogħol, anki jekk il-persuna li tħaddem tkun irrispettat skont l-Artikolu 3(3) [ta' din id]-direttiva l-ftehim kollettiv tax-xogħol li kien jorbot liċ-ċedenti u kien jiggarantixxi kundizzjonijiet aħjar għall-ħaddiem, biss sakemm jiskadi u li dan id-deterjorament fil-kundizzjonijiet tax-xogħol jirriżulta minħabba din l-iskadenza?

2) Fil-każ fejn ir-responsabbiltà tal-persuna li tħaddem, skont id-Direttiva [2001/23], ma tkunx daqstant estiża daqskemm ġie deskritt fl-ewwel domanda, għandha r-responsabbiltà ta' min iħaddem tiġi implimentata xorta waħda, pereżempju, permezz tal-ħlas tal-paga u ta' benefiċċji oħrajn għall-perijodu ta' notifika li l-persuna li tħaddem trid tirrispetta?"

Fuq id-domandi preliminari

20 Permezz tad-domandi tagħha, li huwa meħtieġ li jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tarrinviju essenzjalment tistaqsi, jekk l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/23 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-Istati Membri għandhom l-obbligu, fil-każ tat-tmiem ta' kuntratt tax-xogħol jew ta' relazzjoni ta' xogħol li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, li tiggarantixxi lill-ħaddiem dritt għal kumpens mingħand min iħaddem f'kundizzjonijiet identiċi għad-dritt li l-persuna kkonċernata jista' jkollha meta min iħaddem itemm illegalment il-kuntratt tax-xogħol tiegħu jew ir-relazzjoni ta' xogħol, jew, għallinqas, seta' jkollha dritt skont il-perijodu ta' notifika li min iħaddem għandu

jirrispetta, skont id-dritt nazzjonali applikabbli, fil-każ tat-tmiem ta' kuntratt tax-xogħol għal motiv sostanzjali u rilevanti.

21 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll fuq ir-rilevanza tal-fatt li min iħaddem ma rrispettax, fis-sens tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/23, il-ftehim kollettiv li jorbot liċ-ċedenti u jiggarantixxi lill-ħaddiem kundizzjonijiet tax-xogħolijiet aħjar sad-data tal-iskadenza tal-validità tiegħu, bil-kundizzjonijiet tax-xogħol li skont hija jmorru għall-agħar minn din l-iskadenza.

Fuq il-prinċipju ta' kumpens mingħand min iħaddem

22 Jirriżulta mill-ifformular tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/23 li dan jistabbilixxi regola fejn min iħaddem jitqies bħala responsabbli għat-tmiem tal-kuntratt tax-xogħol jew għal relazzjoni ta' xogħol, tkun minn tkun il-parti li kienet wara din it-terminazzzjoni. Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni ma tippreċiżax, il-konsegwenzi legali li jirriżultaw minnha. Għalhekk hija ma tipprovdi l-ebda obbligu għall-Istati Membri li jiggarantixxu lill-ħaddiema ċertu skema ta' kumpens u għaldaqstant, lanqas li jassiguraw li l-metodi ta' dan l-iskema jkunu identiċi għal dawk ta' skema li l-ħaddiema jistgħu jibbenefikaw minnhom jekk min iħaddem itemm illegalment kuntratt tax-xogħol jew li jistgħu jibbenefikaw minnhom skont il-perijodu ta' notifika li min iħaddem għandu jirrispetta.

23 Dan huwa konformi mal-għan tad-Direttiva 2001/23, li għandha l-għan biss ta' armonizzazzjoni parzjali tal-qasam inkwistjoni, billi essenzjalment tiggarantixxi l-protezzjoni ggarantita lill-ħaddiema b'mod awtonomu mid-dritt differenti tal-Istati Membri kif ukoll fl-ipoteżi ta' trasferiment ta' impriża. Hija ma tfittix li tistabbilixxi livell ġdid ta' protezzjoni uniformi għall-Komunità Ewropea kollha permezz ta' kriterji komuni. Il-benefiċċju tad-Direttiva 2001/23 għalhekk ma jistax jiġi invokat ħlief sabiex jassigura li l-ħaddiem ikkonċernat huwa protett fir-relazzjoni tiegħu maċ-ċessjonarju

bl-istess mod kif kien fir-relazzjoni tiegħu maċ-ċedenti, skont ir-regoli tad-dritt tal-Istat Membru kkonċernat (sentenza tas-6 ta' Novembru 2003, Martin *et*, C-4/01, Ġabra p. I-12859, punt 41).

24 Barra minn dan, jirriżulta espressament mill-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għal Direttiva 77/187 [COM(74)] li, jekk it-tmiem tal-kuntratt tax-xogħol mill-ħaddiem għandu jiġi kkunsidrat li seħħ għal raġuni li twassal għar-responsabbiltà ta' min iħaddem, il-konsgewenzi legali li jirriżultaw minn dan, bħal kumpens jew danni, għandhom jiġu evalwati skont il-leġiżlazzjoni, ir-regolamenti u d-dispożittivi amministrattivi tal-Istati Membri.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/23 ma jistax jiġi kkunsidrat bħala li impliċitament stabbilixxa livell uniformi ta' protezzjoni tal-ħaddiema lil hinn mir-regola tar-responsabbiltà, li jipprovdi. B'mod partikolari, jirriżulta li din id-dispożizzjoni ma tiddeterminax il-konsegwenzi ekonomiċi ta' min iħaddem għat-tmiem tal-kuntratt tax-xogħol jew tar-relazzjoni ta' xogħol li seħħ fiċ-ċirkustanzi fuq imsemmija. Dawn il-konsegwenzi għandhom jiġu stabbiliti f'kull Stat Membru, skont ir-regoli nazzjonali applikabbli fil-qasam.

26 Barra minn dan, għandu jiġi mfakkar li l-libertà tal-għażla tal-metodi u tal-mezzi intiżi sabiex jassiguraw l-implementazzjoni ta' direttiva ma taffetwax l-obbligu li kull wieħed mill-Istati Membri destinatarji għandhom li jadottaw kull miżura neċessarja sabiex jassiguraw l-effett sħiħ tad-direttiva kkonċernata, b'mod konformi mal-għan imfittex mid-direttiva (ara s-sentenzi tal-10 ta' April 1984, von Colson u Kamann, 14/83, Ġabra p. 1891, punt 15, u tal-15 ta' April 2008, Impact, C-268/06, Ġabra p. I-2483, punt 40).

27 L-obbligu li jirriżulta minn direttiva u li l-Istati Membri għandhom li jilħqu r-riżultat persegwit minn din id-direttiva, kif ukoll id-dmir tagħhom, skond l-Artikolu 10 KE, li jieħdu l-miżuri kollha, ġenerali jew partikolari, adattati sabiex jassiguraw it-twettiq ta' dan l-obbligu, huma imposti fuq l-awtoritajiet kollha ta' dawn l-Istati Membri, inkluż, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq von Colson u Kemann, punt 26, kif ukoll Impact, punt 41).

28 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li d-Direttiva 2001/23 tfittex li tiggarantixxi s-salvagwardja tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ ta' bdil fit-tmexxija ta' impriża, billi tippermettilhom li jibqgħu jaħdmu taħt it-tmexxija l-ġdida bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk miftehma maċ-ċedenti (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Frar 1988, Tellerup, magħrufa bħala "Daddy's Dance Hall", 324/86, Ġabra p. 739, punt 9, u tad-9 ta' Marzu 2006, Werhof, C-499/04, Ġabra p. I-2397, punt 25).

29 Din id-direttiva tmur lil hinn fit-tfittxija ta' dan l-għan, billi żżomm liċ-ċessjonarja responsabbli għat-tmiem tal-kuntratt tax-xogħol jew tar-relazzjoni ta' xogħol, fil-każ ta' bidla sostanzjali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol marbuta mat-trasferiment tal-impriża, bil-konsegwenzi ta' din ir-responsabbiltà jkunu rregolati mid-dritt nazzjonali applikabbli.

30 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/23 għandu jiġi interpretat fis-sens li, fl-ipoteżi ta' tmiem ta' kuntratt tax-xogħol jew ta' relazzjoni ta' xogħol fejn huma sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u indipendentement minn kull nuqqas taċ-ċessjonarja fir-rigward tal-obbligi tagħha li jirriżultaw minn din id-direttiva, dan ma jobbligax lill-Istati Membri sabiex jiggarantixxu lill-ħaddiem dritt għal kumpens mingħand iċ-ċessjonarja f'kundizzjonijiet identiċi għad-dritt li ħaddiem jista' jkollu meta min iħaddem itemm illegalment il-kuntratt tax-xogħol tiegħu jew ir-relazzjoni ta' xogħol. Madankollu, il-qorti nazzjonali għandha, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħha, tiggarantixxi li għallinqas fl-istess ipoteżi ċ-ċessjonarja tbati l-konsegwenzi li d-dritt nazzjonali applikabbli jorbot mat-tmiem tal-kuntratt tax-xogħol jew tar-relazzjoni ta' xogħol

minn naħa ta' min iħaddem, bħall-ħlas tal-paga u ta' vantaġġi oħra li jikkorrispondu, skont dan id-dritt, għall-perijodu ta' notifika li min iħaddem għandu jirrispetta.

Fuq il-portata tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/23

31 Hekk kif ġie msemmi fil-punt 21 ta' din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju tistaqsi fil-kawża prinċipali, fuq l-imġieba taċ-ċessjonarja fir-rigward tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/23, fid-dawl tal-fatt li din rrispettat l-ftehim kollettiv tas-settur mettalurġiku biss sad-data tal-iskadenza tiegħu u li din id-data tikkoinċidi mal-mument tat-trasferiment tal-impriża.

32 Skont din id-dispożizzjoni, wara trasferiment ta' impriża, iċ-ċessjonarja għandha tkompli tosserva l-kundizzjonijiet miftiehma f'kull ftehim kollettiv skont l-istess kundizzjonijiet kif kienu applikabbli għaċ-ċedenti, u dan sad-data li fiha dan il-ftehim jispiċċa jew jiskadi jew ukoll sad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni ta' ftehim kollettiv ieħor.

33 Għalhekk, din id-dispożizzjoni għandha bħala għan li tiżgura s-salvagwardja tal-kundizzjonijiet kollha tax-xogħol b'mod konformi mar-rieda tal-partijiet kontraenti għall-ftehim kollettiv, u dan minkejja tat-trasferiment ta' impriża. Min-naħa l-oħra, din l-istess dispożizzjoni mhijiex suxxettibbli għal deroga mir-rieda ta' dawn il-partijiet, hekk kif espressa fil-ftehim kollettiv. Konsegwentement, jekk dawn il-partijiet kontraenti ddeċidew li ma jiggarantixxux ċerti kundizzjonijiet ta' xogħol wara data stabilita, l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/23 ma jimponix liċ-ċessjonarja l-obbligu li tirrispettahom wara d-data stabilita għall-iskadenza tal-ftehim kollettiv, billi, wara din id-data, dan il-ftehim inkwistjoni m'għadux fis-seħħ.

34 Jirriżulta li l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/23 ma jobbligax liċ-ċessjonarja li tiggarantixxi s-salvagwardja tal-kundizzjonijiet tax-xogħol miftiehma maċ-ċedenti wara d-data tal-iskadenza tal-ftehim kollettiv, minkejja li din id-data tikkoinċidi mal-mument tat-trasferiment tal-impriża.

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jeħtieġ li r-risposta għad-domandi preliminari tkun li l-Artikolu 4 (2) tad-Direttiva 2001/23 għandu jiġi interpretat fis-sens li, fl-ipoteżi ta' tmiem ta' kuntratt tax-xogħol jew ta' relazzjoni ta' xogħol fejn huma sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u indipendentement minn kull nuqqas taċ-ċessjonarja fir-rigward tal-obbligi tagħħa li jirriżultaw minn din id-direttiva, dan ma jobbligax lill-Istati Membri sabiex jiggarantixxu lill-ħaddiem dritt għal kumpens mingħand iċ-ċessjonarja f'kundizzjonijiet identiċi għad-dritt li ħaddiem jista' jkollu meta min iħaddem itemm illegalment il-kuntratt tax-xogħol tiegħu jew ir-relazzjoni ta' xogħol. Madankollu, il-qorti nazzjonali għandha, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħha, tiggarantixxi li għallinqas fl-istess ipoteżi ċ-ċessjonarja tbati l-konsegwenzi li d-dritt nazzjonali applikabbli jorbot mat-tmiem tal-kuntratt tax-xogħol jew tar-relazzjoni ta' xogħol minn naħa ta' min iħaddem, bħall-ħlas tal-paga u ta' vantaġġi oħra li jikkorrispondu, skont dan id-dritt, għall-perijodu ta' notifika li min iħaddem għandu jirrispetta.

36 Huwa għall-qorti tar-rinviju li tevalwa s-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali fid-dawl tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/23 skond liema s-salvagwardja tal-kundizzjonijiet tax-xogħol miftiehma fi ftehim kollettiv li jiskadi fid-data tat-trasferiment ta' impriża mhuwiex iggarantit wara din id-data.

Fuq l-ispejjeż

37 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq

l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla), taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fl-ipoteżi ta' tmiem ta' kuntratt tax-xogħol jew ta' relazzjoni ta' xogħol fejn huma sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u indipendentement minn kull nuqqas taċ-ċessjonarja fir-rigward tal-obbligi tagħha li jirriżultaw minn din id-direttiva, dan ma jobbligax lill-Istati Membri sabiex jiggarantixxu lill-ħaddiem dritt għal kumpens mingħand iċ-ċessjonarja f'kundizzjonijiet identiċi għad-dritt li ħaddiem jista' jkollu meta min iħaddem itemm illegalment il-kuntratt tax-xogħol tiegħu jew ir-relazzjoni ta' xogħol. Madankollu, il-qorti nazzjonali għandha, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħha, tiggarantixxi li għallinqas fl-istess ipoteżi ċ-ċessjonarja tbati l-konsegwenzi li d-dritt nazzjonali applikabbli jorbot mat-tmiem tal-kuntratt tax-xogħol jew tar-relazzjoni ta' xogħol minn naħa ta' min iħaddem, bħall-ħlas tal-paga u ta' vantaġġi oħra li jikkorrispondu, skont dan id-dritt, għall-perijodu ta' notifika li min iħaddem għandu jirrispetta.

Hija għall-qorti tar-rinviju li tevalwa s-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali fid-dawl tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/23, skond liema s-salvagwardja tal-kundizzjonijiet tax-xogħol miftiehma fi ftehim kollettiv li jiskadi fid-data tat-trasferiment ta' impriża mhuwiex iggarantit wara din id-data.

Firem